**MALTA**

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. Anna Mallia**

**Seduta tat-23 ta' Gunju 2017**

**Avviz Nru: 418/2016 AM**
**Numru fuq il-Lista: 17**

**GO plc (C22334)**
**Triq Fra Diegu, Marsa**
**MRS 1501**
**Vs**
**Joseph Scicluna (I.D. 201561M)**
**15, Ruth, Flat 2,**
**Triq Zarenu Dalli,**
**Birzebbugia**

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fl-04 ta' Ottubru, 2016 li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet minghand il-konvenut is-somma ta' hames mija u sittin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€560.75c) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40469774.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawza fit-termini preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant it-Tribunal wara li semgha lir-rapprezentanta tas-Socjeta' attrici tiddikjara li d-debitu ghadu dovut, isib li t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta gusitifikata u timmerita konferma u ghaldaqstant tordna lil konvenut ihallas lis-Socjeta' attrici is-somma ta' hames mija u sittin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€560.75c) oltre l-imghax legali mit-12 ta' Jannar, 2016 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali a karigu tal-konvenut.

**Av. Anna Mallia**
**Gudikatur**